QORTI CIVILI PRIM' AWLA

ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.

Illum il-Gimgha, 1 ta' Gunju 2001

Numru 8
Citaz. Nru. 367/96 FDP

Anton Cutajar u Oliver Aquilina bhala diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta` Engineering Services Ltd.
Vs
Dr. Clarence Busuttil u Dr. Graham Busuttil, bhala diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta` Budget Services Limited;
u b'digriet tat-30 ta' Gunju 1999 saret il-legittimazzjoni ta' l-atti f'isem is-socjeta` imsemmija Budget Services Limited.

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi b'kuntratt tal-hdax (11) ta' Marzu elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) is-socjeta` konvenuta hatret lis-socjeta` attrici bhala konsulent fuq ix-xoghol ta' "*electrical power and lighting installation, mechanical systems, heating, ventilation and air conditioning installation, extra low voltage and special engineering systems, lift and escalators*" u xoghol relatat fil-kumpless maghruf bhala Park Towers f' San Giljan, kollox kif indikat fl-istess kuntratt li gie anness mac-citazzjoni bhala dokument "A";

Premess illi skond l-istess ftehim, il-hlas lump sum ghax-xoghol kif maghruf sa dakinhar gie miftiehem fl-ammont ta' hmistax-il elf lira Maltin (Lm15000) pagabbli elfejn lira Maltin mal-kuntratt, hmistax il-pagament mensili ta' tminn mitt lira (Lm800)-il wiehed, u l-bilanc ta' elf lira (Lm1000) mac-certifikazzjoni finali tax-xoghol;

Premess illi l-konvenuti *nomine* ma onorawx l-obbligi kontrattwali assunti minnhom, u senjatament naqsu li jhallsu l-pagamenti mensili dovuti minnhom bejn il-hmistax ta' Novembru 1993 u l-hmistax ta' Marzu 1994 oltre li effettivament ma baqghux jikkoperaw ma' l-istanti *nomine*, u minhabba f'hekk b'ittra tat-13 ta' April 1994 is-socjeta` attrici informat lill-konvenuti *nomine*

illi l-kuntratt qed jigi terminant, u biex ma juzawx aktar id-*drawings*, *technical specifications* u kopji proprjeta` taghhom;

Premess illi minkejja li b'ittra tat-18 ta' April 1994, il-konvenuti *nomine* ikkonfermaw it-terminazzjoni tal-kuntratt, huma naqsu li jhallsu l-ammonti kollha dovuti minnhom sa dakinhar u hlas ulterjuri skond il-kuntratt ghax-xoghol li ma lahaqx gie ezegwit, anzi baqghu juzaw id-disinji u l-ispecifikazzjonijiet teknici proprjeta` ta' l-atturi *nomine* biex ikkompletaw ix-xoghol;

Premess illi minkejja li gew interpellati anke ufficjalment biex ihallsu s-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4000) tax-xoghol u supervizjoni li lahaq gie esegwit; biex ihallsu wkoll is-somma addizzjonali ta' erbat elef lira Maltin (Lm4000) remunerazzjoni ai termini tal-paragrafu disgha (9) tal-kuntratt; u biex ihallsu wkoll kumpens ta' l-uzu tad-disinji, l-ispecifikazzjonijiet teknici, kopji u materjal iehor proprjeta` ta' l-atturi *nomine* wara t-terminazzjoni tal-kuntratt kif fuq spjegat, l-istess konvenuti *nomine* baqghu ma hallsu xejn;

Talbu ghalhekk l-atturi *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-;

1. Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* ihallsu s-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4000) dovuti minnhom ta' xoghol esegwit qabel it-terminazzjoni tal-kuntratt kif fuq inghad;

2. Tillikwida l-hlas addizzjonali dovut minnhom ai termini tal-paragrafu disgha (9) tal-

kuntratt tal-11 ta' Marzu 1993 u l-kumpens dovut minnhom ta' l-uzu da parti taghhom tad-disinji, l-ispecifikazzjonijiet teknici, kopji u materjal iehor, proprjeta` ta' l-atturi *nomine*, wara t-terminazzjoni tal-kuntratt kif fuq spjegat;

3. Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* ihallsu lill-atturi *nomine* l-ammont hekk likwidat fit-tieni talba;

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-26 ta' Mejju 1994 u ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Frar 1995, u tal-mandat ta' sekwestru prezentat flimkien ma' din ic-citazzjoni, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi *nomine*, il-lista tax-xhieda minnhom indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta illi fiha hija eccepiet:-

1. Illi fl-ewwel lok t-talbiet tas-socjeta` attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenuti *nomine* hallsu tax-xoghol kollu li kien gie esegwit mis-socjeta` attrici qabel it-tmiem tal-kuntratt minnhom imsemmi, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ebda hlasijiet ma huma dovuti ghall-perjodu minn Novembru 1993 'il quddiem stante li s-socjeta` attrici ddekadiet mill-beneficcju illi hija kellha taht il-kuntratt minnha imsemmi, meta qabel Novembru ta' l-1993 l-istess socjeta` naqset bl-iktar mod gravi u serju illi tonora l-obbligi taghha taht l-istess kuntratt, kif jigi ppruvat ahjar fil-kors tal-kawza;

3. Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` attrici ma tistax validament tistrieh fuq il-kuntratt minnha imsemmi stante li l-inkarigu, skond l-istess kuntratt, inghata taht certi kondizzjonijiet, liema kondizzjonijiet, partikolarment dawk illi jinsabu fl-artikoli 1, 13 u 18, baqghu ma gewx sodisfatti mis-socjeta` attrici stess;

4. Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konsulenza li inghatat mis-socjeta` attrici, meta inghatat kienet tardiva, ma kienet professjonali xejn, u oltrepiu` kienet teknikament zbaljata ghall-ahhar, kif ukoll jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

5. Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni u t-tielet talba huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-artikolu 9 tal-kuntratt ma huwiex applikabbli ghal kaz odjern peress illi l-artikolu 7 ta' l-istess kuntratt mhuwiex invokat ghax is-socjeta` attrici stess

ippremettiet illi hija stess itterminat il-kuntratt permezz ta’ ittra datata 13 ta’ April 1994; filwaqt illi l-artikolu tmienja ma huwiex invokabbli stante li t-talbiet ghal hlas da parti tas-socjeta` attrici kienu dejjem ikkontestati mill-konvenuti *nomine*;

Ghamlet ukoll riserva ghal eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digrieti taghha li permezz taghhom gew nominati Dr. Mark Chetcuti u l-Prof. Joseph Mifsud bhala esperti biex jirrelataw dwar il-fondatezza tad-domandi attrici li wara li jiehdu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-rapport kongunt ta' l-imsemmija esperti li gie minnhom debitament konfermat fl-Udjenza ta' l-1 ta' Novembru 2000;

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:-

Illi s-socjeta` attrici ntavolat din il-kawza biex il-Qorti tikkundanna lil dik konvenuta thallasha s-somma bilancjali ta' Lm4000 ghal xoghol esegwit wara kuntratt iffirmat bejn il-kontendenti u ghall-hlas addizzjonali u kumpens talli s-socjeta` konvenuta baqghet tuza il-pjanti mhejjija mis-socjeta` attrici anki wara li giet terminata r-relazzjoni ta' bejniethom;

Illi minn naha taghha s-socjeta` konvenuta eccepiet illi kienet hallset gja bizzejjed ghax-xoghol kollu li kien gie esegwit mis-socjeta` attrici li in effetti naqset b'mod gravi u serju milli tonera l-obbligi taghha taht il-ftehim li kien intlahaq bejn iz-zewg partijiet; eccepiet ukoll illi s-socjeta` attrici ma kienetx issodisfat diversi artikoli tal-ftehim u l-konsulenza moghtija kienet tardiva u xejn professjonali u wkoll teknikament zbaljata ghall-ahhar;

Illi skond ma jidher mill-affidavitipprezentati mill-kontendenti u anki mix-xhieda li inghatat quddiem l-esperti nominati, iz-zewg nahat taw verzjonijiet konfligenti dwar dak illi kien gara u li wassal biex il-kuntratt ta' bejniethom jigi terminat; is-socjeta` attrici insistit illi dik konvenuta ma onoratx l-obbligi taghha billi ma baqghetx thallas il-pagamenti mensili miftehma u anqas ma baqghet tikkoopera mas-socjeta` attrici;

Illi minn naha taghha s-socjeta` konvenuta tissometti illi l-flus li kienet hallset sa dak il-mument kienu sufficjenti biex ihallsu ghas-

servizzi provduti mis-socjeta` attrici li naqset b'mod gravi u serju li tonora l-obbligi taghha skond il-kuntratt; dan cioe` meta ma tatx servizzi ta' disinji, *feasability report* u *tender specifications*, attendenza ghal kull *material meeting*, l-uzu ta' *reasonable care and skill*, u illi s-*supervisory staff* tad-ditta attrici jattendi *on site as frequently as required for the proper supervision of the work*;

Illi f'dawn ic-cirkorstanzi ta' parti li tikkontradici l-ohra, il-Qorti sejra taghti hafna piz lix-xhieda tal-kuntrattur Panta Lesco Limited li fil-fatt kien gie kkuntrattat biex jesegwixxi x-xoghol materjali; kienu jsiru *progress meeting* regolari u ghal dawn kien jattendi wkoll Henry Attard, managing director ta' Panta Lesco Limited; meta inqala l-inkwiet jidher li s-socjeta` konvenuta tat struzzjonijiet lill-istess kuntrattur Panta Lesco Limited biex anqas jiltaqa' mal-konsulenti tas-socjeta` attrici;

Illi l-imsemmi xhud Henry Attard ikkonferma illi s-socjeta` tieghu ghamlet l-*electrical and mechanical* works fil-progett mertu tal-kawza u gew imqabbda mid-ditta konvenuta filwaqt li d-ditta attrici kienet il-konsulent. Huwa spjega illi dak li kellu jsir, inkluz id-diskussjonijiet kif ghandu jsir ix-xoghol, l-aspetti teknici tieghu, drawings u kontroll finanzjarju tekniku kien f'idejn id-ditta attrici; waqt id-diskussjonijiet kien ikun hemm ukoll rapprezentant tas-socjeta` konvenuta;

Illi l-Qorti tati hafna mportanza lid-dikjarazzjoni cara ta' l-istess Attard meta qal

"*sakemm damu konsulenti d-ditta attrici qatt ma kien hemm dewmien jew disgwid partikolari. Kien hemm biss diskussjonijiet jew kjarifikazzjonijiet li isiru normalment f'dan ix-xoghol. Drawings u tender documents kienu ta' livell normali li setghu jahdmu fuqhom. Ix-xoghol mexa b'mod normali minghajr problemi anormali.*" Huwa kkonferma wkoll illi kienu jsiru laqghat regolari u f'dawn il-laqghat id-ditta konvenuta qatt ma qaltlu li kienet qed issib diffikulta` tahdem mad-ditta attrici;

Illi dwar dak li sar wara t-terminazzjoni tal-kuntratt, l-istess xhud Attard spjega illi meta spiccat id-ditta attrici ma tqabdu ebda konsulenti ohra. "*Il-kont finali sar fuq il-bills of quantities originali tat-tender ippreparat mid-ditta attrici. Id-disinji originali baqghu li kienu u li setghu nbiddlu kienu l-working drawings meta l-klijent ghal xi raguni jkun ghamel xi varjazzjoni fil-layout. Normalment il-working drawings kienu isiru mill-kuntrattur. Fejn jidhlu l-karetteristici teknici tad-disinn u l-kalkoli mehud in konsiderazzjoni l-esigenzi tal-bini, dawn baqghu fuq id-disinji originali tal-konsulenti.*";

Illi mir-rizultanzi processwali jidher li d-diffikultajiet li kien hemm kienu pjuttost zghar u inghatat ukoll spjegazzjoni dwar il-bore-holes li kellhom jittaqbu fil-post differenti minn dak originarjament mahsub peress illi fl-intervall kien sar bini li ma kienx jippermetti lill-magni li jhaffru;

Illi wara li ezaminat il-provi kollha prodotti l-Qorti taqbel mal-konsiderazzjoni u mal-

konkluzzjoni ta' l-abbli relaturi fis-sens illi l-atturi kienu gustifikati meta tterminaw il-kuntratt mas-socjeta` konvenuta u ghalhekk it-talba ghal hlas ta' l-ammont ta' Lm4000 ghal perjodu sa Marzu 1994 kienet gustifikata;

Illi l-atturi rnexxilhom wkoll jiggustifikaw it-tieni talba taghhom peress illi rrizulta b'mod car u inekwivoku illi wara li s-socjeta' attrici ma baqghetx izjed tippartecipa fil-kostruzzjoni, xorta intuzaw l-isketches u d-dokumentazzjoni li kienu gew ippreparati minnhom originarjament, u taqbel ukoll mal-mod limpidu illi bih l-espert tekniku wasal ghas-somma ta' Lm1600 likwidazzjoni ta' din it-talba; waqt li ma kienx hemm lok li tigi akkolta t-talba ulterjuri ghal kumpens anki peress li kien ser jigi mhallas a tenur ta' l-ammont suggerit mill-abbli relaturi, pratikament l-ammont kollu illi kellu jkun dovut lis-socjeta` attrici.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti;

Tilqa' l-Ewwel Domanda kif dedotta fic-citazzjoni;

Tilqa' wkoll it-Tieni Domanda u tillikwida is-somma ta' elf u sitt mitt lira Maltin (Lm1600) ghal hlas addizzjonali dovut skond il-ftehim, filwaqt li tichadha ghal kumplament;

Konsegwentement tilqa' wkoll it-Tielet Domanda u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lil dik attrici s-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4000) kif ukoll is-somma ta' elf u sitt mitt lira Maltin (Lm1600) mitluba fl-ewwel zewg talbiet, bl-imghaxijiet legali mid-data ta' meta s-socjeta` konvenuta giet notifikata bic-citazzjoni.

L-ispejjez jithallsu mill-istess socjeta` konvenuta.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur